REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 415/2014

tat-23 ta' April 2014

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-prodotti tal-ħalib li joriġinaw mill-Ukraina u li jidderoga minnu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jipprevedi arranġamenti preferenzjali għall-2014 dwar id-dazji doganali marbuta mal-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Ukraina. Skont l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, il-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness III tiegħu għandhom ikunu aċċettati għall-importazzjoni fl-Unjoni fil-limiti tal-kwoti tariffarji stabbiliti f'dak l-Anness. Il-kwoti msemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 184(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 jinkludi kwoti tariffarji għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib. Hemm bżonn li dawn il-kwoti jiġu inklużi fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ([3]) u li fl-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament tiddaħħal referenza għar-regola rilevanti dwar il-prova tal-oriġini li hija meħtieġa għall-importazzjoni skont dawk il-kwoti.

(3) Peress li l-kwoti msemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 huma miftuħa biss sal-31 ta' Ottubru 2014, għandu jiġi speċifikat il-perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u l-perjodu ta' validità tat-tali liċenzji.

(4) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001, l-importaturi approvati f'Mejju 2013 jistgħu jimportaw skont il-kwoti biss matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2013 u t-30 ta' Ġunju 2014. Peress li l-kwoti miftuħa għall-Ukraina, b'każ ta' eċċezzjoni, huma fuq medda ta' żewġ perjodi ta' sitt xhur konsekuttivi, l-importaturi approvati jistgħu jimportaw biss sat-30 ta' Ġunju 2014 iżda l-kwoti kkonċernati huma miftuħa sal-31 ta' Ottubru 2014. Għaldaqstant, ta' min jagħmilha possibbli għal dawn l-importaturi li jimportaw skont il-kwoti msemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 sal-31 ta' Ottubru 2014.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2013 ([4]) issostitwixxa xi kodiċijiet tan-NM fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([5]) b'kodiċijiet tan-NM ġodda li issa huma differenti minn dawk msemmija fir-Regolament (UE) Nru 374/2014. Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu jirrifletti l-kodiċijiet tan-NM l-ġodda.

(6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Peress li l-kwoti msemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 huma miftuħa biss sal-31 ta' Ottubru 2014, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw mill-Ukraina (ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa (ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2013 tal-4 ta' Ottubru 2013 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 290, 31.10.2013, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 5 għandu jiżdied il-punt (l) li ġej:

"(l) il-kwoti msemmija fil-Parti L tal-Anness I".

(b) fl-Artikolu 19(1), għandu jiżdied il-punt (j) li ġej:

"(j) L-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw mill-Ukraina (ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1)".

(c) fl-Anness I, għandha tiżdied Parti L ġdida, li t-test tagħha huwa mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għall-kwoti msemmija fil-Parti L tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, miżjuda bl-Artikolu 1(c) ta' dan ir-Regolament, għandhom jitressqu sa mhux aktar tard mis-13.00, ħin ta' Brussell, fl-għaxar jum kalendarju minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

Il-liċenzji maħruġa għandhom ikunu validi minn dakinhar li jinħarġu sal-31 ta' Ottubru 2014.

Artikolu 3

B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, l-importaturi approvati fl-2013 u fl-2014 huma awtorizzati jimpurtaw prodotti skont il-kwoti msemmija fil-Parti L tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, miżjuda bl-Artikolu 1(c) ta' dan ir-Regolament, sal-31 ta' Ottubru 2014.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

"I.L

IL-KWOTI TARIFFARJI MSEMMIJA FL-ANNESS III TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 374/2014

Kwota Numru	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni ([1])	Pajjiż tal-oriġini	Perjodu ta' importazzjoni	Kwantità tal-kwota (f'tunnellati f'piż tal-prodott)	Dazju tal-importazzjoni (f'EUR/100 kg ta' piż nett)
09. 4600	0401		L-UKRAINA	Sal-31 ta' Ottubru 2014	8 000	0
	0402 91					
	0402 99					
	0403 10 11					
	0403 10 13					
	0403 10 19					
	0403 10 31	Ħalib u krema, mhux fi trab, granuli jew forom solidi oħrajn; jogurt, mhux mogħti togħma partikulari u lanqas bil-frott, lewż jew kawkaw miżjud miegħu; prodotti tal-ħalib iffermentati jew aċidifikati, mhux mogħtija togħma partikulari u lanqas bil-frott, lewż jew kawkaw miżjud u mhux fi trab, fi granuli jew forom solidi oħrajn				
	0403 10 33					
	0403 10 39					
	0403 90 51					
	0403 90 53					
	0403 90 59					
	0403 90 61					
	0403 90 63					
	0403 90 69					
09. 4601	0402 10		L-UKRAINA	Sal-31 ta' Ottubru 2014	1 500	0
	0402 21					

Kwota Numru	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni ([1])	Pajjiż tal-oriġini	Perjodu ta' importazzjoni	Kwantità tal-kwota (f'tunnellati f'piż tal-prodott)	Dazju tal-importazzjoni (f'EUR/100 kg ta' piż nett)
	0402 29 0403 90 11 0403 90 13 0403 90 19 0403 90 31 0403 90 33 0403 90 39 0404 90 21 0404 90 23 0404 90 29 0404 90 81 0404 90 83 0404 90 89	Ħalib u krema, fi trab, granuli jew forom solidi oħrajn; prodotti tal-ħalib iffermentati jew aċidifikati, fi trab, granuli few forom solidi oħrajn, mhux mogħtija togħma partikulari u lanqas bil-frott, lewż jew kawkaw miżjud; prodotti magħmulin minn kostitwenti naturali tal-ħalib, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra				
09. 4602	0405 10 0405 20 90 0405 90	Butir u xaħmijiet u żjut oħrajn li ġejjin mill-ħalib; tidlik magħmul mill-ħalib li jkollhom kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' aktar minn 75 % iżda ta' inqas minn 80 %	L-UKRAINA	Sal-31 ta' Ottubru 2014	1 500	0

([1]) Irrispettivament mir-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala ta' valur indikattiv biss, minħabba li l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali, fil-kuntest ta' dan l-Anness, tiddependi mill-ambitu tal-kodiċijiet tan-NM."